**Leħen is-Sewwa**

# IS-SAGA TA' BUTTIGLIONE

1. Il-kruċjata immexxija mill-Partiti Soċjalisti u tal-Ħodor fil-Parlament Ewropew kontra Rocco Buttiglione għandha tixprunana għal diversi riflessjonijiet. Anki r-reazzjoni f'Malta, fil-media, u fid-dikjarazzjonijiet li saru minn politiċi Maltin u barranin, ta' min jixtarrahom.

2. Kien hemm min qal li l-ibblukkar tal-kandidatura ta' Buttiglione għal Kummissarju Ewropew uriet is-saħħa tal-Parlament Ewropew. Għalija kienet iktar ċara s-saħħa tal-media internazzjonali. Buttiglione ġie kundannat minn ħafna fuq dak li ġie **irrapurtat** li qal, mhux dak li **fil-fatt** qal. Per eżempju, hu qal li bħala kattoliku jqis l-omosesswalita' bħala dnub, izda bl-ebda mod ma joħlom li jikkriminalizza l-atti omosesswali. Kulħadd qabad l-ewwel biċċa biss. X'fiha ħażin li Kattoliku prattikanti, fil-politika, jistqarr dak li jemmen? Li l-atti omossesswali **moralment** jammontaw għal dnub huwa t-twemmin ta' kull kattoliku li hu prattikanti – jiġifieri li jsegwi t-tagħlim tal-Knisja Kattolika fuq din il-materja. B'daqshekk għandu politiku kattoliku jiġi impedut milli jsir Kummissarju Ewropew?

3. Kien hemm xi wħud, anki kattoliċi, li qalu, "aħna naqblu ma' Buttiglione, iżda messu kien iktar "prudenti". Napprezza lil min igħid li "ħadd ma qatt ġie mgħallaq fuq dak li ma qalx", iżda biss fuq x'qal. Veru wkoll li quddiem l-ilpup, ċertu ħażen ma jagħmilx ħsara. Iżda aħna l-politiċi kattoliċi se nidħlu f'daqshekk rokna li nibdew nistħu nistqarru l-fidi tagħna? B'hekk twieldet u ssaħħet il-Knisja Kattolika? Bil-kliem diplomatiku u vag imsawwar fid-duħħan, jew fi kliem ċar proklamat fil-pjazez u fil-ftuħ, anki jekk dawn wasslu għall-martirju? Allura aħna il-kattoliċi sabiex nokkupaw karigi importanti – bħal dik ta' Kummissarju Ewropew – se jkollna naħbu t-twemmin tagħna f'ħafna tidwir tal-kliem?

4. Hawn min qiegħed jara f'dan kollu kampanja anti-kattolika, u saħansitra Vittorio Messori sostna illi dan is-sentiment qed jissostitwixxi l-anti-semitiżmu ta' l-imgħoddi. Jiena forsi ma narax daqstant din il-kruċjata kontra l-kattoliċiżmu fih innifsu. Iżda jinkwetani n-nuqqas ta' tolleranza għal idejat, u fuq kollox politiċiżazzjoni tal-proċess ta' konferma tal-kandidati għal postijiet għolja fl-Unjoni. Fl-Amerika teżisti sistema li nomini importanti jiġu konfermati mis-Senat Amerikan. Iżda hemmhekk hemm tradizzjoni twila ta' dan il-metodu, u terġa' l-leġislatura fl-Amerika ma hix politiċizzata daqs fl-Ewropa, u d-dixxiplina tal-partiti ma hix b'saħħitha daqs dik f'pajjiżi Ewropej.

5. Għalhekk il-każ Buttiglione – mfassal, mħawwar mill-Partiti Soċjalisti u tal-Ħodor hu preċedent ikrah. U jista' jġib fil-futur reazzjonijiet oħra. Allura, ngħidu aħna, Kummissarju Ewropew għandu jiġi imblukkat sempliċiment għax, bħall-kotra taċ-ċittadini Ewropej, hu favor l-abort? Ie m'għandux ikun. Iżda xorta waħda mhux sew li xi ħadd jiġi skwalifikat sempliċiment għax b'mod ġenwin stqarr dak li lkoll kemm aħna tgħallimna fil-Katekiżmu meta konna żgħar.

6. J'Alla l-inċident dwar Buttiglione jiftaħ għajnejn kulħadd u b'hekk is-sagrifiċċju tiegħu ma jkunx sar għal xejn!

**TONIO BORG** **16/11/04**